# Ir-Restawr tal-Frontispizju



Fi tmien Awissu se nkunu għamilna pass qawwi lejn ir-restawr tal-faċċata tal-Knisja l-Qadima li għandna għal qalbna lkoll, minbarra l-preġju nazzjonali proprju. F'dawn il-jiem inkunu ressaqna t-talba għal dan il-proġett ambizzjuż lill-MEPA għall-approvazzjoni tagħha. Diġa' għandna l-approvazzjoni tal-Kurja li tapprezza t-talba tagħna u l-urġenza ta' dan il-proġett delikat.

Huwa evidenti kemm din il-parti prominenti tal-Knisja ddeterjorat bil-ħafna livelli u l-iskultura elaborata nnifisha milquta mill-elementi u biż-żmien. Dan minbarra l-periklu li jistgħu jaqgħu xi ġebel fuq min ikun għaddej.

Bil-konsulenza tal-Perit Mannie Galea, wasalna biex individwajna l-ġebel li għandu jinbidel u x-xogħol ġdid li għandu jsir sabiex jasal jum li l-faċċata tkun unita' u kompluta kif jixraq. Dan il-proġett qed jintalab li jsir mill-mument proprju issa u mill-poplu fostna li jagħmel użu minn din il-knisja partikolari, anke minn min għandu għal qalbu dan il-patrimonju storiku-ekklesjastiku.

Huwa prevedibbli li l-ispejjeż għal dan il-proġett ikunu qawwijin u 'l quddiem issirilna talba biex nagħtu s-sehem tagħna. Ikun imiss lilna fl-istorja nagħmlu l-parti tagħna u nkunu rikonoxxenti lejn ta' qabilna filwaqt li nkunu ġenerużi ma' ta' warajna.

